MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2003

Numru 758/2000

Il-Pulizija
(Sp Alexandra Mamo)
vs
Mark Lawrence Rizzo, iben Emanuel, imwieled l-Ingilterra fit-8 ta' lulju, 1965

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kompilazjzoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar xhur, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda –

a. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn Lm10,000 għad-dannu ta' Blye Engineering,

Medairco Ltd., J. Cossai Ltd., A.S.L. Ltd., Camelcold Ltd., main Services Ltd., Frank Borda, Matthew Migneco u persuni oħra;
b. approprja ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn diversi oġġetti, u cioe' air conditioning units, li jappartjenu lis-soċjetajiet hawn fuq imsemmija: Blye Engineering, Medairco Ltd., J. Cossai Ltd., A.S.L. Ltd., Camelcold Ltd., main Services Ltd., Frank Borda u socjetajiet u persuni oħra, liema air-conditioning units kienu ġew fdati u ikkunsinnati lilu sabiex jiġu nstallati fil-Guest House ta' l-imsemmi Mark Lawrence Rizzo, 'Marci' Guest House, Marsaskala, kif ukoll approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra minn żewġ 'Ignis Chest Freezers', liema 'white goods' jappartjenu lis-soċjeta' Frank Borda u li l-istess 'white goods' ġew fdati u ikkunsinnati lilu sabiex jintużaw fil'Marci' Guest House, kif ukoll approprja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra minn arloġġ tal-marka Rolex liema arloġġ jappartjeni lil Matthew Migneco, liema arloġġ ġie fdat jew ikkunsinnat lill-imsemmi Mark Lawrence Rizzo sabiex jagħmel xogħol ta' polishing fuqu, liema oġġetti kollha kienu fdati jew ikkunsinnati lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir minnhom speċifikat.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-11 ta' ġunju, 2003 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
Fl-artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 17(b)(h), 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din
il-ħtija jew ħtijiiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' lulju, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.
Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' lulju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 17(b)(h), 31, 20, 22 u 23 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija.
Tiddikjara li mhemmx lok
għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Inoltre, tirrakomanda
lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta’ Corradino biex l-imputat jingħata l-kura neċessarja għar-riabilitazzjoni tiegħu mill-vizzju tax-xorb.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------